# QORTI CIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Rikors Guramentat Nru.: 1024/2018 MH**

**Illum, 18 ta' Settembru, 2020**

**B. Grima & Sons Ltd** (C 34602)

**vs.**

**Mapfre Middlesea plc** (C 5553)

**Il-Qorti;**

Rat **ir-rikors guramentat**[1] ta' B. Grima & Sons Ltd (C 34602), li gie prezentat fit-18 ta' Ottubru, 2018 li permezz tieghu espona:

1. *"Illi l-kumpannija rikorrenti taħdem, fost setturi oħra, fil-qasam taż-żebgħa tas-sinjali tat-traffiku, u b'hekk titqabbad regolament minn operaturi privati u kif ukoll entitajiet pubbliċi, sabiex tipprovdi servizzi ta' 'road marking';*

2. *Illi fit-12 t'April 2018, il-kumpannija rikorrenti kienet qiegħda tipprovdi tali servizzi fi Triq Temi Zammit, fil-Mosta, taħt is-superviżjoni tal-uffiċċjali tal-*

[1] Folio 1

*Awtorita' Għat-Trasport f' Malta (TM) li kienu wkoll qegħdin jidderieġu t-traffiku lil hinn miz-zona fejn kienet qegħdin tiġi applikata ż-żebgħa;*

3. *Illi tali servizzi kienu qegħdin isiru permezz tal-magna taż-żebgħa tat-tip Hofmann H16, misjuqa minn wieħed mid-Diretturi tal-kumpannija rikorrenti, Abraham Grima;*

4. *Illi għall-ħabta tas-1.15pm tat-12 t'April 2018, vettura tal-kiri tat-tip Hyundai bin-numru ta' reġistrazzjoni ZQZ-674, misjuqa minn persuna mill-Hong Kong, minflok ma osservat l-ordnijiet mogħtija lilha mill-uffiċċjal ta' TM, baqgħet issuq fid-direzzjoni tal-imsemmija magna taż-żebgħa sakemm ħabtet fiha fuq in-naħa tal-lemin;*

5. *Illi b'konsegwenza tal-imsemmija daqqa ix-xogħolijiet kellhom jieqfu b'mod immedjat, u eventwalment tkomplew permezz ta' magna oħra tal-kumpannija rikorrenti. Dan peress li bid-daqqa fuq ir-rota ntilfet il-kalibrazzjoni tal-imsemmija magna b'konsegwenza li ma setgħetx tintuża aktar sakemm ma jinbidlux partijiet mill-istess magna bil-għan li terġa tiġi kalibrata skond l-istandards meħtieġa għal xogħol ta' 'road marking';*

6. *Illi l-imsemmi inċident seħħ unikament tort tas-sewwieq tal-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni ZQZ-674, fejn is-sewwieq tal-vettura stqarr li kien hemm impatt mal-magna tal-kumpannija rikorrenti, liema vettura hija proprjeta' ta' United Garage Limited (C 3032), u assigurata mal-kumpannija intimata tramite Laferla Insurance Agency Ltd (C 14529);*

7. *Illi wara xi żmien kien intbagħat surveyor da parti tal-kumpannija intimata jew l-aġent tagħha, sabiex jevalwa l- ħsarat fil-magna pero' kien surveyor speċjalizzat fil-vetturi ordinarji u ma kellu ebda komptenza teknika sabiex jevalwa l-ħsarat f'magna tar-'road marking' industrijali u daqstant speċjalizzata;*

8. *Illi d-danni sofferti mill-kumpannija rikorrenti kawża tal-inċident in kwistjoni jammontaw mill-anqas għal wieħed u tletin elf u mitt Euro (€ 31,100), u dan apparti danni ulterjuri għat-tiswija tal-magna fost l-oħrajn it-trasport tal-magna sabiex tittieħed fil-post fejn se tissewwa, u vjaġġi da parti tar-rappreżentanti tas-suppliers tal-magna. Madanakollu t-talba tar-rikorrenti qiegħda tiġi limitata għal tali somma peress li bejn wieħed u ieħor dak huwa wkoll il-valur fis-suq tal-magna llum, u ma jagħmilx sens li jintefqu spejjeż oltre' l-valur fis-suq tal-magna. B'hekk in vista ta' tali spejjeż il-magna tista' titqies dak li fil-qasam tal-assikurazzjoni jissejjaħ bħala 'write-off'. Għal kull buon fini jingħad ukoll li magna ġdida tiswa' madwar id-doppju;*

9. *Illi l-kumpannija rikorrenti baqgħet bla ebda rimedju għall-ħsarat li sofriet u wara numru ta' xhur ta' diskussjonijiet fis-6 t'Awwissu 2018, permezz ta' email, rappreżentant ta' Laferla Insurance Agency Ltd għarraf lill-kumpannija rikorrenti li This matter was discussed with a group of surveyors and upon inspection of both vehicles it results that the damages claimed are not compatible to this accident. Our insured's vehicle sustained no sign of damage, hence it seems practically impossible that the damages to the road marking machine were caused by ZQZ674;*

10. *Illi b'hekk il-kumpannija rikorrenti ma kien baqgħalha ebda għażla ħlief li tipproċedi permezzi tal-ittra uffiċċjali tal-10 t'Awwissu 2018 (numru 2893/2018), liema ittra uffiċċjali baqgħet mhux imwieġba minkejja li ġiet debitament notifikata*

*lit-tliet destinatarji, u ċioe' l-kumpannija intimata, United Garage Limited (C 3032), u Laferla Insurance Agency Ltd (C 14529);*

11. *Illi b'hekk fil-25 ta' Settembru 2018, il-kumpannija rikorrenti ppreżentata mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru 1504/2018, kontra United Garage Limited sabiex tħares l-interess tagħha;*

12. *Illi sussegwentement, permezz ta' nota t-2 t'Ottubru 2018 il-kumpannija intimata assumiet ir-responsabbilta' assoluta għal kull ħlas li seta' jsir dovut lill-kumpannija rikorrenti minn United Garage Limited, in konnessjoni mal-inċident in kwistjoni a tenur tal-Art. 830(3) tal-Kap 12, u fit-12 t'Ottubru 2018 ġie mħassar il-mandat in kwistjoni a tenur tal-Art. 830(3)(ċ) tal-Kap 12;*

13. *Illi b'hekk il-kumpannija rikorrenti qiegħda tipproċedi kontra l-kumpannija intimata bħala assikuratriċi, a tenur tal-Art. 830(3)(b) tal-Kap 12. Dan b'riżerva għall-kjamat in kawża, jekk ikun meħtieġ jew jekk jiġi ordnat minn din l-Onorabbli Qorti jew jintalab mill-kumpannija intimata, tal-kumpannija United Garage Limited.*

14. *Illi d-Diretturi tal-kumpannija rikorrenti, inkluż il-komparenti Adam Grima jafu b'dawn il-fatti personalment, u b'hekk kellha ssir din il-kawża.*

*Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi, il-kumpannija rikorrenti qiegħda titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex, prevja kull dikjarazzjoni xierqa u opportuna:*

1. *Tiddikjara illi l-inċident tat-12 t'April 2018 fi Triq Temi Zammit, Mosta seħħ unikament tort tal-vettura ZQZ-085 proprjeta' ta' United Garage Ltd, u b'hekk il-kumpannija assikuratriċi intimata, in vista tal-Art. 830(3) tal-Kap 12, għandha tagħmel tajjeb għad-danni kollha sofferti mill-kumpannija rikorrenti; u*

2. *Tiddikjara li d-danni sofferti mill-kumpannija rikorrenti kawża tal-inċident tat-12 t'April 2018 jammontaw għal wieħed u tletin elf u mitt Euro (€ 31,100);*

3. *Tordna lill-kumpannija assikuratriċi intimata tħallas is-somma ta' wieħed u tletin elf u mitt Euro (€ 31,000) lill-kumpannija rikorrenti bl-imgħaxijiet legali mill-1 ta' Settembru 2018 (notifika tal-ittra uffiċċjali), sad-data tal-ħlas effettiv;*

*Bl-ispejjeż kollha ta' din il-kawża, inkluż tal-ittra uffiċċjali tat-13 t'Awwissu 2018 u tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju tas-26 ta' Settembru 2018, kollox kontra l-kumpannija intimata li hija minn issa hija inġunta in subizzjoni."*

Rat lir-rikors ġuramenta ġie debitament notifikat. Il-kumpanija mixlija baqgħet komtumaċji.

Rat ukoll id-digriet tagħha datat  10 ta' Mejju, 2020[2] fejn għar-ragunijiet hemm premessi l-Qorti ċaħdet it-talba għal ġustifikazzjoni tal-kontumaċja.

[2] Folio 44

Rat il-provi prodotti mis-soċjeta' attriċi.

**Provi**

B'nota tas-soċjeta' attriċi ġew esebiti kopja tar-rapport maħrug mill-warden li aċċeda fuq l-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri; Dok BGS1; ukoll set relattiv ta' ritratti Dok BGS2; ukoll stima tas-tiswija tal-ħsarat inkorsi mill-magna taż-żebgħa minn Hofmann GMBH, Dok BGS3; Email minn Laferla Insurance Agency Limite u skambju ta' emails oħra fejn jidher lis-soċjeta' ntimata ma kienetx aċċettanti tar-reponsabilta' għal ħlas ta' danni, Dok BFS4; Kopja ta' ittra uffiċjali li ntbagħtet lis-soċjetatjiet assikuratriċi u lil sid il-karozza nvoluta u reponsabbli għal inċident, BGS5; u kopja tan-nota li presentat is-soċjeta' intimata ai terminu ta' l-artikolu 830(3) tal-Kap 12, Dok BGS6.

Rat ukoll l-affidavit presentati mis-soċjeta' rikorrenti senjatament dawk tad-diretturi Adam Grima[3] u Abraham Grima[4].

Wara li eżaminat il-provi prodotti l-Qorti hija tal-fehma lit-talbiet attriċi huma ben pruvati n kwantu l-vettura ZQZ-674 kienet responsabbli għal inċident fil-magna taż-żebgħa propjeta' tas-soċjeta' attriċi u kkagonatilha d-danni reklamati.

Huwa ben ċar illi fil-fatt kienet il-karozza msemmija misjuqa minn persuna barranija ġejja mill-ajruport u sejra lejn il-lukanda meta ġewwa l-Mosta baqgħet dieħla ġol magna taż-żebgħa u kagun t'hekk dina ġarbet ħsarat tant li wasslu għas-

[3] Fol 11
[4] Fol 14

somma reklamata. Kif igħid ix-xhud okkulari Abraham Grima li l-inċident ġara kif karozza misjuqa minn barranija, għalih ċiniża, baqgħet dieħla ġol magna u bil-ħsara kaġunata dina lanqas baqa' jirrispondi l-*isteering* tagħha. Żid lil magna lanqas setgħet tinsaq għax bl-impatt la kellu kontroll ta' l-*isteering* u lanqas tal-*gearijiet*, tant li biex iċċaqalet minn fuq il-post kellha titneħħa l-balla tad-*differention* biex b'hekk ġiet imbottata.

Ikkunsidrat

Rat ukoll lil partijiet ġew moghtija żmien biex jippresentaw nota ta' ossevazzjonijiet. Ħadd ma wera nteress f'dan.

**Konsegwentement qegħda taqta u tiddeċidi billi tilqa t-talbiet kolla kif dedotti bl-ispejjeż kollha indikati a kariġu tas-soċjeta' intimata.**

**Onor. Dr. Miriam Hayman LL.D.**
**Imhallef**

**Victor Deguara**
**Dep. Reg.**